# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar 7 ta' April, 2025

Avviz tat-Talba numru: 338/2024 CL

**Recc Ltd ( C52728)**

**VERSUS**

**Team BSR Limited (C102581)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-27 ta' Novembru, 2024 fejn is-socjeta attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi ikkundanta, kif ukoll ordnata, li thallas, is-somma ta' hames mija u tnejn u hamsin euro u tlieta u sittin centezmu (€552.63) rapprezentanti *inter alia* l-bilanc li baqa' mhux imhallas minnha ghal saladatte li inxtrat mis-showroom tas-socjeta attrici ghal prezz ta' €680.23 bil vat inkluz skond ma jirrizulta mill-fattura annessa u mmarkata Dok A. Is-socjeta konvenuta halset depozitu ta' €127.60 u hadet l-imsemmija saladatte fil-pussess taghha u dan jidher fir-rendikont immarkat Dok B anness. Bl-ispejjez inkluz tal-ittra uffucjali bin-numru 2127/2024 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2025 dehret Fiona Baldacchino in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta fejn ikkonfermat bil-gurament li kienet lesta li thallas l-ammont mitlub u ghalhekk ammetiet li l-ammont kien dovut.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

It-Tribunal sema' lil Fiona Baldacchino bil-gurament fejn amettiet it-talbiet tas-socjeta attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta. Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal jiddikjara li t-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu milqugha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentament jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-

socjeta attrici s-somma ta' hames mija u tnejn u hamsin euro u tlieta u sittin centezmu (€552.63), bl-imgħax legali mis-27 ta' Novembru 2024[1], sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri kif ukoll tal-ittra bin-numru 2127/2024 huma a kariku tas-socjeta konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Data ta' meta giet opprezentata l-kawza odjerna